MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 90

20 ta' Frar 2018

Minuti tas-seduta Nru. 90 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 20 ta' Frar 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 89 tad-29 ta' Jannar 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Tqegħid ta' blokki f'Misraħ il-Parroċċa u *tower crane* fi Triq il-Madonna tal-Għar (A/6/3/1 Vol 127)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li saret laqgħa mas-Sur Garrett Zerafa minn 3Eleven Ltd dwar id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill fis-seduta qabel rigward it-tqegħid ta' blokki tal-konkos f'Misraħ il-Parroċċa. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li l-persuna responsabbli mill-i*scaffolding*, li kien preżenti waqt il-laqgħa msemmija, qal li minħabba l-angolu li jeħtieġ jingħataw il-puntali li ser jwieżnu faċċata antika tal-bini in kwistjoni, ma jkunx possibbli li l-blokki jitpoġġew fuq il-parapett. Għaldaqstant, il-blokki jridu jitpoġġew fuq il-bankina. Is-Sur Zerafa qal li huwa stmat li sal-aħħar ta' Awwissu 2018 il-faċċata tkun intrabtet mal-binja l-ġdida u hekk ma jkunx baqa' ħtieġa tal-blokki.

2.1.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill qabel li l-blokki jitpoġġew fuq il-bankina, peress li b'dan il-mod jinħoloq l-inqas inġombru possibbli fil-misraħ.

2.1.4. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' imejl datat 16 ta' Frar 2018, 3Eleven Ltd talbu wkoll sabiex ipoġġu *tower crane* fi Triq il-Madonna ta' l-Għar, kantuniera mal-parapett ta' Misraħ il-Parroċċa. Skont il-pjanta mgħoddija, il-bankini fuq kull naħa huma wiesgħa 0.9 metri u ser jibqgħu aċċessibbli, filwaqt li tista' issir rampa temporanja fihom sabiex jippermettu l-użu tas-siġġu tar-roti.

2.1.5. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jitrama *tower crane* fil-post indikat sakemm:

(a) jingħata ċertifikat dwar is-saħħa u s-sigurtà, flimkien ma' polza tal-assikurazzjoni;

(b) il-krejn ma jagħmilx ħsara lill-istruttura tat-triq u s-servizzi li għaddejjin taħt l-art; u

(c) jitħalla aċċess pedonali minn Triq il-Madonna tal-Għar għall-parapett, inkluż għall-persuni b'diżabilità li jużaw is-siġġu tar-roti.

**2.2.1. Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni, skema ta' dwal ġodda fi Triq il-Qortin, u fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Żejtuna (P/4/29)(E/1/3/Vol IV)**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-ftehim li jinvolvi l-iskema ta' dwal ġodda fi Triq il-Qortin, u dak li jikkonċerna l-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni ġew ffirmati fl-14 ta' Frar 2018. Is-Sur J. Buttigieg qal -applikazzjoni li tikkonċerna d-dwal fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Żejtuna qed tiġi trattata b'mod attiv bil-għan li jkun jista' jiġi ffirmat il-ftehim meta tkun ipproċessata.

2.2.3. Ġie spjegat li fir-rigward tat-tisbiħ ta' Triq l-Inkurunazzjoni, jeħtieġ li ssir il-kordinazzjoni mal-entitajiet li jista' għandhom servizzi għaddejjin taħt l-art, kif ukoll issiru kuntatti mal-Arċipriet minħabba li din it-triq tintuża bħala l-aċċess għas-Santwarju, kif ukoll hija rotta ewlenija għall-purċissjonijiet.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Proġett *"Magna Żmien"* (I/1/2/Vol VII)**

2.3.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 12.1. u qal li d-diriġenti tal-proġett imsemmi fil-15 ta' Frar 2018 ltaqgħu ma' persuni li jistgħu jgħaddu materjal sabiex jinżamm fl-Arkivju Nazzjonali. In-numru ta' persuni li attendew kien inkoraġġanti u ser issir laqgħa oħra għalihom fl-24 ta' Frar 2018 bil-għan li jgħaddu l-materjal li huma ndikaw. Ġie propost li tittella' attività fis-16 ta' Ġunju 2018 fil-Bitħa tas-Santwarju sabiex il-materjal li jkun inġabar minn kontributuri Melleħin jiġi ppreżentat lill-pubbliku.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* (P/10/25)**

2.4.2. Il-Kunsilliera H. Fenech irrefera għall-minuta 11.1 tas-seduta ta' qabel u għarraf li mhux possibbli għaliħ li jattendi għall-konferenza f'Casalborgone, bejn is-16 u l-22 ta' Mejju 2018, li ser titratta t-tema *"The Need and Assistance of Micro Business"*.

2.4.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti l-Kunsill iddeċieda li għandu jattendi l-Kunsillieri J. Gauci.

## 3.1. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 20/02/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 28/01/18 – 15/02/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Abbozz tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2017

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Estensjoni tal-*fish farm* tat-tonn eżistenti fil-grigal ta' Malta (T/8)**

**4.1.2.** Is-Segretarju aċċenna għal applikazzjoni EA 0007/18 li saret mal-Awtorità tar-Riżorsi l- l-Ambjent dwar il-proposta msemmija hawn fuq. Skont l-istess awtorità dan l-iżvilupp jitlob li jsir *Environmental Impact Assessment* u għalhekk qed tistaqsi dwar jekk il-Kunsilli Lokali

konċernati jixtiequx jinkludu xi punti fit-termini ta' referenza relattivi. L-Awtorità tat żmien sal-11 ta' Marzu 2018 sabiex isiru s-sottomissjonijiet.

**4.1.3.** Is-Sindku spjega li l-għan tal-operatur huwa li jkabbar il-gaġġeġ bil-għan li t-tonn li jintrabba fihom ikun jista' jinqatel ta' piż ikbar milli qiegħed isir bħalissa.

**4.1.4.** Il-Kunsill kien tal-fehma li m'hemmx lok illi jiżdied xi aspett partikulari fit-termini ta' referenza meta ħa in konsiderazzjoni n-natura tal-talba.

### 4.2.1. Mera quddiem Etna View Apartments fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XV)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 8 ta' Frar 2018, mibgħut minn Ms Margaret Joynes illi talbet sabiex titwaħħal mera faċċata tal-garaxx tagħha minħabba li vetturi li jkunu għaddejjin fi Triq l-Etna jagħmlu hekk b'veloċità qawwija.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tkompli tiġi osservata l-*policy* li ma jsirux mirja faċċata ta' garaxxijiet privati, peress li dan joħloq preċedent li jirriżulta fi problemi, kemm fid-dehra tat-triq minħabba li ċirkostanzi simili jeżistu f'diversi postijiet oħra, kif ukoll l-oġġezzjonijiet li spiss ikun hemm mill-ġirien.

### 4.3.1. Proġett WiFi4EU (I/1/3/Vol V)

4.3.2. Saret referenza għal ċirkulari AKL 2018/014 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fit-12 ta' Frar 2018 dwar il-proġett imsemmi hawn fuq, li l-iskop tiegħu huwa li jitwassal is-servizz tal-internet f'lokalitajiet li mhumiex daqshekk ċentrali. Din l-inizjattiva qed tiġi kordinata mill-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni, flimkien mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u ser tiġi ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea. Fil-fatt l-UE ser tkun qed tħallas għall-ispiża kapitali sa massimu ta' €15,000, filwaqt li l-Kunsill jeħtieġ li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż rikorrenti għal mill-inqas tliet snin.

4.3.3. F'dan l-istadju l-Assoċjazzjoni ser tara liema Kunsilli Lokali huma interessati li jibbenifikaw minn dan il-proġett u għaldaqstant qed titlob li dawn jindikaw l-intenzjoni tagħhom sas-26 ta' Frar 2018. Dawk li jkunu wrew l-interess ser jiġu mistiedna għal seminar fejn jingħata aktar tagħrif.

4.3.2. Il-Kunsill qabel li għandu juri l-interess tiegħu f'din l-inizjattiva.

### 4.4.1. Talba sabiex jintrama *tower crane* fi Triq Dun Franġisk Sciberras (A/6/3/1/Vol 127)

4.4.2. Saret referenza għal talba minn Sunsites Ltd, datata 19 ta' Frar 2018 sabiex jintrama *tower crane* fi Triq Dun Franġisk Sciberras, bejn Triq Franġisk Zahra u Triq Sant' Elena, mit-22 ta' Frar u l-31 ta' Marzu 2018.

4.4.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jitrama *tower crane* fil-post indikat sakemm:

(a) jingħata ċertifikat dwar is-saħħa u s-sigurtà, flimkien ma' polza tal-assikurazzjoni; u

(b) il-krejn ma jagħmilx ħsara lill-istruttura tat-triq u s-servizzi li għaddejjin taħt l-art.

### 4.5.1. Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Sceptisism* (A/5/3/Vol XII)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 1 ta' Frar 2018, mibgħut f'isem il-Muniċipalità ta' Rapashuta fil-Ungerija, fejn għarfu li l-proġett imsemmi ġie approvat b'baġit ta' €150,000 taħt il-programm *Europe for Citizens* tal-Unjoni Ewropea. Is-Sindku fakkar li l-proġett jiġbor fih 20 imsieħeb minn sittax-il-pajjiż differenti u jinvolvi sitt konferenzi u temi differenti, li ser iseħħu bl-ordni segwenti:

1. 02-06/03/18 - Konferenza f'Castiglione in Teverina (Italja) – Tnedija tal-proġett;

2. 15-19/06/18 - Gondomar (Portugal) – Tema: Analiżi tal-Ewro-Xettiċiżmu;

3. 25-29/09/18 - Grosuplje (Slovenja) – Tema: Analiżi tal-Fenominu tal-Emigrazzjoni;
4. 01-05/03/19 – Katerini (Greċja) – Tema: Propaganda Qarrieqa dwar l-Emigrazzjoni;
5. 01-05/03/19 – Klana (Kroazja) – Tema: Kontro-Narrattivi biex titħeġġeġ l-għaqda fl-Ewropa; u
6. 10-15/10/19 - Repashuta (Ungerija) – Tema: Konklużżjoni u Rakkomandazzjonijiet.

4.5.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-ewwel konferenza ġiet posposta għal data oħra li għad trid titħabbar.

4.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 5.1.1. Laqgħa mal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa (K/3)

5.1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għal talba li għamlet l-għaqda msemmija sabiex tiltaqa' mal-Kunsill u staqsa dwar jekk tistax tiġi ffissata data għal dan il-għan.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li din tista' issir fis-27 ta' Frar 2018 fis-7.00 pm.

### 5.2.1. Kollizzjonijiet fi Triq il-Vitorja k/m Triq il-Mithna l-Qadima (T/3/2/Vol XIV)

5.2.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa dwar jekk kienitx ittieħdet xi azzjoni sabiex isiru *speed humps* fi Triq il-Vitorja.

5.2.3. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta fejn intalbu li jsiru *speed humps* fi Triq il-Vitorja, qrib il-kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Qadima.

## 6.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

6.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 20 ta' Frar 2018.

6.3. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*items* 49, 50, 51, 52, 53 u 54 fl-iskeda, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

6.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

6.5. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn l-1 u l-31 ta' Jannar 2018.

6.6. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-28 ta' Jannar u l-15 ta' Frar 2018.

6.7. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*item* 046 fl-iskeda tal-pagamenti, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

6.8. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 7.1. Stqarrijiet Finanzjarji 2017 (F/1/2/Vol VIII)

7.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur Daniel Galea sabiex jispjega l-*financial statements* imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri qabel is-seduta. Ġie spjegat li s-sena finanzjarja 2017 spiċċat b'bilanċ pożittiv ta' €6,641. Huwa aċċenna għall-fatt li fis-sena ta' qabel ġie reġistrat *surplus* għal dik is-sena ta' €31,951. Fattur li ħalla mpatt fuq *surplus* inqas kien dħul inqas minn dak reġistrat fl-2016. Dan fil-fatt naqas b'6.53% minn €1,482,810 għal €1,380,992. Min-naħa l-oħra kien hemm inqas infiq rikorrenti ta' 4.89%, minn €1,451,993 fl-2016 għal €1,380,992 fl-2017. Fattur ieħor li ħalla impatt sinifikanti fuq in-nefqa

ammont inqas assi permanenti li ġew kapitalizzati mis-sena ta' qabel. Id-diprezzament fuqhom ammonta għal €702,852, li kien inqas minn dak tal-2016 li laħaq €835,301.

7.3. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,309,153 u kien imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali | €1,053,865 |
| Allokazzjoni Supplimentari | €82,230 |
| Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea | €1,020 |
| Dħul Ieħor mill-Gvern | €16,259 |
| Rilaxx tal-Għotjiet | €155,779 |

7.4. L-Allokazzjoni Supplimentari tirrappreżenta l-ammont akkumulat dovut lill-Wasteserv Malta Ltd, liema somma tħallset direttament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. L-ammont ta' Għotjiet Rilaxxjati kienu jinvolvu l-proġetti kapitali li ġew iffinanzjati in parti, jew kollha minn għotjiet li rċieva l-Kunsill matul l-2017 u fi snin preċedenti. Eżempji ta' dawn huma l-*Public Private Partnership*, l-Fond għat-Titjib Urban (UIF) u l-fondi tal-Unjoni Ewropeja. Is-Sur Galea qal li b'effett mis-sena finanzjarja 2018, il-fondi ġejjin minn għotjiet ser jiġu rilaxxjati kollha f'dik is-sena li jkun ikkapitalizzat il-proġett.

7.5. Kien hemm dħul ta' €4,436 ġej minn *bye-laws* relatat ma' attivitajiet fil-beraħ, korsijiet u permessi għat-tqegħid ta' *skips* eċċ.

7.6. Kien hemm dħul ieħor mis-Sistema tal-Infurzar Lokali ta' €20,456, wara li f'Settembru 2011 ġiet xolta s-sistema mħaddma mill-Kumitat Konġunt Tramuntana u daħlet fis-seħħ dik imħaddma mill-Kumitat Reġjonali. €11,067 minn dan it-tip ta' dħul kienu ġejjin mill-LESA, dovuti bħala kummissjoni marbuta mal-ħlas ta' multi fl-uffiċċju tal-Kunsill.

7.7. Ġie spjegat li kien hemm dħul ta' natura ġenerali, li ammonta għal €52,000, marbut mal-iskemi li jniedi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali,illi jinkludu fost oħrajn l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali, l-Iskema tal-Libreriji, l-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, minn *sponsorships* li rċieva l-Kunsill, bejgħ ta' kotba, kirjiet, ħruġ ta' permessi eċċ.

7.8. In-nefqa kapitali għas-sena 2017 kienet tammonta għal €341,016, li €11,572 minnhom kienu ġejjin minn għotjiet mogħtija mill-Gvern Ċentrali, jew entitajiet pubbliċi.

7.9. Ġie spjegat li sa Diċembru 2017, il-Kunsill kien akkumula investiment ta' €5,108,977 f'assi permanenti, wara li nqata' id-diprezzament fuqhom. Kien hemm ukoll €612,560 x'jitħallsu lill-kredituri tal-Kunsill. Sar aċċenn li fl-aħħar tas-sena, il-Kunsill kellu bilanċ biżżejjed fil-banek biex jagħmel tajjeb għal dan id-dejn, peress li l-flus f'kontijiet bankarji kienu jammontaw għal €791,263. Kien spjegat wkoll li ġiet irreġistrata żieda ta' €12,260 fil-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill, wara li anke fis-sena preċedenti kien hemm żieda sinifikanti ta' €151,608. L-indikatur finanzjarju għalaq fil-livell ta' 40% meta ma jitteħidtx in konsiderazzjoni d-*Deferred Income*.

7.10. Il-Kunsill qabel li l-istqarrijiet finanzjarji għandhom jiġu mgħoddija kif ippreżentati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, lill-udituri appuntati minnu, u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 8.1. Sejħa għall-Offerti MLC1/2018 – Servizz ta' Ġbir ta' Skart Imħallat
**(K/6/2/Vol IV)**

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħa msemmija għalqet fl-20 ta' Frar 2018 f'nofsinhar u rrispondew għaliha l-offerenti li jidhru hawn taħt:

- Antoine Fenech
- Saviour Mifsud
- Galea Cleaning Solutions Joint Venture

- Premier Business Ltd
- Alexander Fenech
- Waste Collection Ltd
- Velljo Services
- W M Environmental Ltd

8.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li skont il-linji gwida mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni għandu jkun kompost minn Chairman li jintgħażel minn fost il-membri eletti tal-Kunsill, persuna mill-professjoni legali, *accountant* u persuna oħra kompetenti fuq it-tip tas-servizz mitlub, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, bħala kordinatur tas-sejħa. Kemm iċ-Chairman, kif ukoll il-Kordinatur m'għandhomx vot fir-rakkomandazzjoni komuni li trid titressaq għall-approvazzjoni finali tal-Kunsill. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jiddeċiedi fuq il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

8.4. Il-Kunsill iddeċieda li ċ-Chairman għandu jkun is-Sindku John Buttigieg, filwaqt li t-tliet membri bil-vot, għandhom ikunu l-Avukat Alfred Abela, l-*Accountant* Amy Zammit, u Margaret Camilleri Fenech li hija *assistant lecturer* fl-Istitut għat-Tibdil fil-Klima u Żvilupp Sostenibbli fi ħdan l-Università ta' Malta.

## 9.1. Attività fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali (A/5/3/Vol XIII)

9.2. Is-Sindku ppropona li jitwaqqaf kumitat sabiex jikkordina din l-attività.

9.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddeċieda li dan ikun magħmul mis-Sindku J. Buttigieg bħala chairman, u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini, H. Fenech, u E. Bartolo bħala membri. Kien hemm qbil ukoll li l-ewwel laqgħa għandha ssir fis-27 ta' Frar 2018 fis-6.00 pm.

## 10.1. Binja devoluta lill-Kunsill fil-Park tal-Majjistral (A/4/10)

10.2. Is-Sindku rrefera għall-binja fil-park li attwalment qed isservi bħala maħżen tal-Kunsill. Huwa aċċenna li din kienet ġiet vandalizzata u ngħatat in-nar u b'riżultat ta' dan saret ħsara fix-xorok tas-saqaf. Apparti dan jeżisti bieb tal-injam li mhux sikur biżżejjed, li jkun aħjar jekk jinbidel ma' ieħor tal-ħadid. Kompla jgħid li f'dan l-istadju huwa mportanti li l-Kunsill jiddieċiedi jekk għandux l-intenzjoni li jgħaddi t-tmexxija ta' din il-binja lil xi entità mhux governattiva, jew iżommha għall-ħtiġijiet tiegħu.

10.3. Il-Kunsillier J. Attard qal li huwa ġie avviċinat mill-Kappillan tal-Manikata biex jużaha bħala maħżen. Is-Segretarju fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li jħalli lill-parroċċa tal-Manikata tuża din il-binja bħala maħżen permezz ta' titlu ta' komodat, iżda minkejja li kien għadda it-test tal-ftehim lill-Kappillan fi Frar 2017, u ttieħed jara l-post minn ġewwa, dan baqa' ma kkuntattjax lill-Kunsill minn dakinhar.

10.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-perit tiegħu għandu jara x'tiswijiet huma meħtieġa fil-binja sabiex dawn isiru u l-post jibqa' jintuża mill-Kunsill bħala maħżen.

## 11.1. Ħarġa Nru. 61 tan-*newsletter* tal-Kunsill "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol V)

11.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li ħarġa li jmiss tan-*newsletter* trid tmur għand l-istampatur sad-19 ta' Marzu 2018. Għaldaqstant hija appellat sabiex minn jixtieq jagħmel kontribuzzjonijiet bil-kitba, jagħmel hekk sa qabel dik id-data.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**12.1. Lejla ta' qari ta' kitbiet** **(A/5/5/Vol VII)**

12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għas-serata ta' qari mis-Sur Trevor Zahra li kellha ssir lejn l-aħħar ta' Marzu 2018. Hija qalet li dan mhux possibbli minħabba npenji oħra li għandu s-Sur Zahra u għallhekk ser ikollha tiġi posposta.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**13.1. *Bring-In Site* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi** **(K/6/10/Vol III)**

13.2. Kunsillier E. Bartolo kkummenta li d-*domes* tal-ħġieġ fil-*bring-in site* imsemmija qed idumu ma jitbattlu mill-kuntrattur ta' Green MT Ltd, bir-riżultat li min imur jiddisponi mill-iskart qed isibhom mimlijin.

13.3. Is-Sindku qal huwa konxju ta' dan in-nuqqas, iżda attwalment jidher li hemm problema ta' komunikazzjoni mad-direzzjoni ta' Green MT Ltd, u ser jara li jsib alternattivi kif iwassal il-preokkupazzjoni tal-Kunsill dwar din il-materja..

**14.1. Servizz ta' tiswija tal-qtates *(cat neutering)*** **(A/9)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li matul l-2017 ġew trattati 170 qattus, filwaqt li huwa ppjanat li s-servizz ikompli jissaħħaħ matul l-2018 billi l-allokazzjoni fil-baġit telgħet għal €2,500. Hija qalet ukoll li saret laqgħa għall-voluntiera li issa żdiedu bi tlieta oħra mal-ħamsa li diġa kien hemm. Is-Sinjura Brincat Stellini ħadet l-opportunità biex tirringrazzja lill-voluntieri li taw il-kontribut tagħhom minn kemm ilha li nbdiet il-kampanja.

14.3. Is-Sinjura Stellini kompliet tgħid li ser jingħataw sitt kupuni kull xahar sabiex jagħmlu tajjeb għall-parti mill-ispejjeż involuti. Hija pproponiet ukoll li ssir attività għat-tfal tal-Iskola Primarja sabiex dawn jittrawmu jħobbu l-annimali, kif ukoll bil-għan li fiha jsir appell sabiex iġibu ikel addattat għall-qtates.

14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll approva l-attività proposta fil-minuta 14.3.

**15.1. Infurzar ta' *bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* dwar tisjir fil-berah** **(B/5/Vol IV)**

15.2. Is-Sindku għarraf li b'arranġament mal-LESA qed issir superviżjoni fuq is-siti allokati għall-ikkampjar, b'enfasi partikulari sabiex dan ikun kopert bil-permess tal-Kunsill,kif ukoll fuq l-indafa u kontroll fuq l-aċċess bil-vetturi. Huwa qal li sas-17 ta' Frar 2018 kienu nħarġu erba' notifiki ta' kontravvenzjoni. B'reazzjoni għal dan, daħlu numru ta' ilmenti, fosthom dwar in-nuqqas ta' faċilitajiet.

15.3. Wara diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li s-siti fejn huwa permess l-ikkampjar u l-*barbecues* għandhom jitħallew informali kemm jista' ikun u ma jkollhomx faċilitajiet bħal *mobile toilets* eċċ. Minn naħa l-oħra għandu jiġi żgurat li jkun hemm postijiet fejn jitħalla l-iskart sabiex l-ġbir isir minn ftit postijiet u ma jibqax jixxerred.

**16.1. Kiri ta' vettura tat-tip *double cab pickup*** **(V/3)(R/2/3)**

16.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret sejħa għall-offerti MLC 3/2018 sabiex tinkera vettura tat-tip imsemmi, kif hemm provdut fl-Estimi 2018. Is-Segretarju qal li s-sejħa ġiet ippubblikata fis-16 ta' Frar u tagħlaq fit-23 ta' Marzu 2018. Huwa stqarr li dan it-tip ta' vettura huwa l-iktar wieħed addattat għax xogħol tal-Kunsill, peress li jista' jinstaq mill-ħaddiema kollha assenjati miegħu.

16.3. Is-Sindku qal li biex jinġieb il-valur tal-flus imħallsa huwa mportanti li jiġu massimizzati s-servizzi li jistgħu jingħataw mill-ħaddiema tad-Districts Operations Ltd. Għaldaqstant huwa ppropona li apparti xogħlijiet ta' manutenzjoni ġenerali, jibdew jieħdu ħsieb il-qsari li jeżistu fit-turġien, ċertu ġarr li s'issa sar minn kuntratturi privati, eċċ. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll għas-superviżjoni u żamma tal-*area* tal-Għajn tal-Mellieħa li tista' wkoll tiddaħħal fl-

iskeda tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema. Huwa fakkar li dan ix-xogħol kien isir bi ħlas mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

16.4. Il-Kunsill approva l-proposti kollha mressqa fil-minuta 16.3.

**17.1. *European Destination of Excellence Awards* 2017** **(T/12/2/Vol II)**

17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-istedina li saret mill-EDEN Network għaċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni ta l-premjijiet fi Brussel fit-22 ta' Marzu 2018, filwaqt li l-għada jkun hemm il-konferenza annwali. Kompliet tgħid li l-istedina saret għal persuna waħda.

17.3. Il-Kunsill approva l-attendanza tas-Sinjura A. Brincat Stellini.

**18.1. Programm ta' Attivitajiet tal-Valletta 18** **(A/5/5/Vol VII)**

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet li f'dak li jirrigwarda lill-Mellieħa ser jiġu organizzati serjè ta' attivitajiet fuq bażi nazzjonali li jinkludu s-segwenti:

- 20-22 ta' Mejju – Altofest fil-Park tal-Majjistral;
- 4 ta' Mejju – Ġaħan 18 – Niftħu l-Bibien ma' Ġaħan – fi Ġnien il-Qigħan;
- 13 ta' Lulju - Burhan Öçal's Bosphorus Quartet f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II;
- 16 ta' Ġunju – Magna Żmien – f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II;
- 7 ta' Awwissu - Solar Cinema – f'Selmun; u
- 10 ta' Novembru - *Bodies in Urban Spaces* (f'post li għadu ma tħabbarx).

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

18.4. Is-Sinjura Brincat Stellini għarfet ukoll li hija ġiet avviċinata mill-kordinatriċi reġjonali tal-Valletta 18 dwar attività msejħa *Glow in the Dark,* li tinvolvi logħob li ser isir matul ix-xhur tas-Sajf f'xi waħda mir-ramliet fil-Mellieħa. L-organizzaturi qed jappellaw għall-għajnuna tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda provista ta' elettriku, ftuħ ta' latrini pubbliċi, eċċ.

18.5. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm l-attività ssir wara is-6.00 ta' filgħaxija.

18.6. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna li l-Fondazzjoni Valletta 18 staqsiet sabiex jingħata tagħrif dwar attivitajiet kulturali fil-programm tal-Kunsill Lokali u l-għaqdiet tal-Mellieħa.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9:00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 6 ta' 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**